**<u>MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN</u> Nru. 03/2014**
***Kienet addottata Aġenda nru. 03/2014***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: Il-Ħamis, 28 ta' Awwissu 2014**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson**
- **Is-Sur Martin Cefai – Membru**
- **Is-Sinjura Sandra Grech – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦAT BIN-NRU. 01-02/2014

Billi l-minuti tal-laqgħat bin-nru. 01-02/2014 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦAT BIN-NRU. 01-02/2014

Ma tqajjmux punti mill-Minuti bin-nru. 01-02/2014.

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ħarġet il-permess għall-iżvilupp ta' ċentru ċiviku fi Triq il-Port. Il-Kumitat ftiehem li tinżamm laqgħa mas-Supritendent tal-Pulizija dwar il-finanzjament tal-proġett u l-Perit joħroġ stima tax-xogħol.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Ittra mibgħuta mill-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq dwar plakka b' isem ta' triq "Triq it-Torn". Il-Kumitat qabel li jaqla' din il-plakka peress li skont il-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq, din it-triq qatt ma ngħatat tali isem.

Komunikat ta' Joseph Zammit dwar it-tqegħid ta' planki tal-konkos fi Triq Daħlet il-Merżuq. Iċ-Chairperson ser tara min poġġa dawk il-planki.

Ittra mibgħuta minn resident fejn issuġġerixxa li jsiru diversi xogħlijiet ġewwa Marsalforn.
Il-Kumitat qabel li jsiru xogħlijiet ta' tiswija fuq ir-*railings* u l-ktajjen ta' madwar il-wied u jinqatgħu erba' biċċiet *railings* fuq il-*promenade*, faċċata tal-Pebbles Restaurant biex meta tkun ħafna xita, dawn ir-*railings* jinqalgħu biex l-ilma tax-xita jkun jista' jgħaddi faċilment.

Ittra ta' Joseph Portelli fejn talab biex meta jkunu qed isiru l-bankini fi Triq l-Isqof Pace, il-*wiring* tal-Enemalta jsir f' *underground cable*. Il-Kumitat approva li meta jkunu qed isiru l-bankini, issir trinka għall-*wiring* tal-Enemalta.

Ittra mibgħuta mill-Fondazzjoni Arka dwar l-organizzazzjoni ta' *car boot sales* fil-*car park*. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet mill-Kumitat.

## 5. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**Nru. KAM 28/2014 – Roaseanne Hili**

Talbet biex issir *road hump* quddiem il-Gabbiano Restaurant taħt Triq Santa Marija. It-talba kienet rifjutata mill-Kumitat.

**Nru. KAM 29/2014 – Peter Paul Said**
Biex jiddawwal aktar il-belvedere ta' Triq Għar Qawqla. Is-Segretarja Eżekuttiva kienet ser titkellem mal-Inġinier tal-Ministeru għal Għawdex.

**Nru. KAM 30/2014 – Raymond Spiteri**
Biex isiru *parking bays* fi Triq Barda. It-talba kienet rifjutata mill-Kumitat.

**Nru. KAM 31/2014 – is-Sindku Nicky Saliba**
Għandu dawn it-talbiet:

- jitneħħa *litterbin* minn faċċata ta' Il-Latini Restaurant – ġie deċiż li l-Kumitat jikteb lill-Ministeru għal Għawdex dwar il-problemi bil-*litterbins* minħabba ż-żidiet tal-*encroachments*.
- isir rixtellu fl-*area* riservata għad-dgħajjes fil-*car park*. Tintalab stima għal rixtellu lil Ta' Gam Gam Services.

## 6. MATERJA OĦRA

Gie deċiż li:

- issir talba mill-Ministeru għal Għawdex biex dik il-parti tat-triq ħiereġ mill-Menqa u tiżbokka fi Triq l-Isqof Pace terġa' ssir *one way*.
- isir poġġaman fit-taraġ ta' maġenb l-Għassa tal-Pulizija.
- issir stima biex jinbidlu l-bankini ta' Triq l-Isqof Pace (jintuża materjal porfido).
- titbaxxa l-bankina ta' ma' Beehive Flts, Triq tan-Naħla.
- isiru sinjali 'Stop' fi Triq il-Qolla s-Safra u Triq Barda kantuniera ma' Triq il-Qbajjar.
- nilmentaw dwar il-fatt li l-*pedestrians* m' għandhomx minn fejn jgħaddu fi Triq il-Wied.
- għall-egħluq tal-istaġun tas-sajf, tittella' attivita` bis-sehem ta' The Trams, Cini Bros. u l-grupp taż-żeffiena ta' Melanie s-Sibt 13 ta' Settembru 2014 fuq il-*promenade* ta' Marsalforn.
- jitwaħħlu seba' sulo *litterbins*, ħamsa fit-tonda tal-*promenade* u tnejn faċċata ta' Glass Box Bar.

Il-Viċi Chairperson ilmenta dwar it-tindif tat-toroq ġewwa Marsalforn. Kien maqbul li wieħed mill-persuni tal-ETC ikun assenjat jagħmel xogħol f' Marsalforn.

Dwar il-ħajt ta' Iqugħ faċċata ta' Dirjanu Supermarket, kien maqbul li tintbagħat ittra lill-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

## 3. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00 ta' filgħaxija u l-Kumitat Amministrattiv aġġorna *sine die.*

**Marija Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***